# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

Settembru 2016
Nru. 211

HANINA BĦALL-MISSIER

# Il-Festa tal-Maħfra tal-Porziuncola

Nhar it-2 ta' Awwissu fil-Knejjes Franġiskani kollha madwar id-dinja tiġi ċċelebrata l-Festa tal-Maħfra tal-Porziuncola li għandha abbinata magħha l-Indulġenza Plenarja.

F'Malta ġiet iċċelebrata b'Solennità fil-Knisja tagħna ta' Santa Maria tal-Anġli ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq fit-tmiem il-ġimgħa qabel it-2 ta' Awwissu biex ikun akar faċli li wieħed jattendi għall-attivitajiet organizzati.

Nhar it-30 ta' Lulju ġiet iċċelebrata Quddiesa Solenni mill-Ministru Provinċjal P. Richard Stanley Grech OFM.

Ġew mistiedna u ġiet innotata attendenza numeruża ta' Sorijiet Franġiskani u tal-Ordni Franġiskan Sekular. Għal din iċ-ċelebrazzjoni kienu preżenti wkoll il-Patrijiet anzjani tad-Domus Pacis.





Ir-Reliġjużi kellhom l-opportunità jġeddu l-Wegħdiet tal-Ħajja Konsagrata waqt il-quddiesa.

*ikompli f'paġna 2*

## *Iċċelebrata l-Festa ta' Santa Klara f'Għawdex u Malta*

Il-Ħadd 7 ta' Awwissu ġiet iċċelebrata l-Festa ta' Santa Klara f'Għawdex flimkien mal-fraternità tal-Klarissi. Iċ-ċelebrazzjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, saret ġewwa d-Dar tal-Irtiri Manresa, biex tkun tista takkomoda iżjed nies. Iċ-ċelebrazzjoni kienet animata mis-sorijiet Klarissi stess u għal din l-okkażjoni kienu mistiedna diversi saċerdoti, sorijiet, ħbieb u benefatturi tas-sorijiet biex flimkien jaqsmu l-ferħ ta' din il-ġurnata.

Waqt l-omelija tiegħu Mons. Isqof irrefera għas-silta tal-Vanġelu u ħa l-vers dwar il-fergħa li ma tagħmilx frott, fergħa li tinxef min sejjer jitfaħħa fin-nar u jeqridha? Huwa tenna li jeħodha b'refer-

*ikompli f'paġna 3*

## Mulej agħmilni strument tal-Paċi tiegħek fil-Fraternita' tiegħi

Kulma jmur qed joqorbu żewġ festi importanti ħafna għalina wlied il-Fqajjar ta' Assisi, is-17 ta' Settembru – festa tal-Għoti tal-Istimmati Mqaddsa ta' Missierna San Franġisk u l-4 ta' Ottubru – Solennità Liturġika tiegħu. Għal min forsi ma jafx, il-belt ta' Assisi hija meqjusa wara il-belt tal-Vatikan, it-tieni fil-lista' ta' postijiet ġewwa l-Italja li jistgħu ikunu l-mira ta' attakki terroristiċi li qed isiru madwar id-dinja fi żminijietna. U dan propju minħabba raġuni ewlenija waħda. Iħarsu lejn din il-belt bħala l-belt tal-Paċi u tat-Tolleranza. Belt li tħeġġeġ għal spirtu ta' għaqda fraterna fost bnedmin ta' kulturi, razez, ilsna u twemmin differenti. U aħna bħala wlied Franġisku, aħna wlied adottivi ta' din il-Belt Qaddisa.

Kif kont tkellimt dak inhar tas-6 ta' Jannar 2016, meta fil-bidu tal-Viżta Kanonika, waqt l-omelija tal-Quddiesa li ċċelebrajna flimkien ma' u għand ħutna is-Sorijiet Klarissi, elenkajt modi differenti u kultant sottili ta' terroriżmu fil-fraternità, hekk qiegħed inħoss li għal darb'oħra għandi ntenni fid-dawl tal-jiem ta' festi marbutin ma' Missierna San Franġisk. Minkejja li kien hemm min, naf fiċ-ċert, li "baqa' ħażin u skandalizza ruħu" għal dak li għidt u l-mod kif għidtu. Jien naf ukoll fiċ-ċert li min għamel

*ikompli f'paġna 2*

minn paġna 1

hekk, għamel dan għax intlaqat fil-laħam il-ħaj! Kif kont għidt dakinhar, u niftakar sewwa għax tafu li dik l-omeija kont irrekordjajtha, kont qiegħed nikkwota dak li qal is-Sinjur Papa Franġisku fil-bidu tal-Pontifikat tiegħu dwar il-Kurja Rumana. Prova ta' dan illum ukoll qiegħed għal darb'oħra nerġa nikkwotah f'dak li din id-darba qal fil-laqgħa li kellu ma' dawk li ħadu sehem fil-Ġublew tal-Ħajja Konsagrata nhar it-Tnejn l-1 ta' Frar 2016, jiġifieri ftit inqas minn xhar wara dak li kont għidt jien għand ħutna l-Klarissi.

Il-Papa Franġisku, għalkemm kien ipprepara d-dokument miktub u għaddieħ lill-Kardinal Prefett, kif qal huwa stess fil-bidu tal-laqgħa, warrab il-karti u xtaqt jitkellem b'mod spontanju, u fost l-oħrajn qal hekk lil dawk kollha preżenti u lill-persuni konsagrati kollha, "*Min huwa l-ewwel proxxmu ta' persuna kkonsagrata? Huwa ħuk jew oħtok tal-komunità. Dawn huma l-ewwel proxxmu. U wkoll għandna nkunu qrib bil-ħerqa, b'mod tajjeb, bi mħabba. Jiena naf li fil-komunitajiet tagħkom qatt ma tparlaw fuq xulxin, qatt, qatt!... Mod kif nitbegħedu minn ħutna fil-komunità huwa proprju dan: it-terroriżmu tal-kliem fuq xulxin. Isimgħuni sewwa: mhux li nitkellmu, imma t-terroriżmu tal-kliem fuq xulxin. Għaliex min jagħmel hekk huwa terrorista. Huwa jew hija terrorista ġewwa l-komunità tiegħu jew tagħha, għaliex iwaddbu, bħal bomba, kelma kontra dan, kontra dak, u mbagħad jitilqu bil-kwiet. Min jagħmel dan, ikun qed jeqred! Dan ikun qed ifarrak, bħalma tagħmel bomba, u mbagħad jitlaq. Din, itenni l-appostlu san Ġakbu, hija l-aktar virtu diffiċli, il-virtu' umana u spiritwali l-aktar iebsa li jkollok, din li trażżan ilsienek. Jekk jiġik li tgħid xi ħaġa kontra xi wieħed jew waħda minn ħutek, li tixħet bomba bi kliemek, igdem ilsienek! B'mod qawwi! It-terroriżmu fil-komunitajiet! ... Jekk inti tixħet bomba tat-tlablib fil-komunità tiegħek, dan ma jkunx iqegħedek qrib ħutek: dan ikun dikjarar ta' gwerra! Dan ikun ibegħedek, ikun qed joħloq bogħod, joħloq mod li kulħadd jagħmel li jrid fil-komunita. U jekk f' din is-Sena tal-Ħniena, kull wieħed u waħda minnkom jirnexxilu jew jirnexxilha ma jkun qatt terrorista li jlablab ħafna, ikun suċċess għall-Knisja, suċċess ta' qdusija kbira! Agħmlu kuraġġ! Kunu qrib.*" Mulej agħtina din il-grazzja, li nkunu strumenti tal-Paċi tiegħek fil-Fraternitajiet tagħna! Il-Mulej jagħtikom is-Sliem!

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

## Festa tal-Maħfra f'Baħar iċ-Ċagħaq

minn paġna 1

Janima l-Quddiesa kien hemm l-Kor 'Santa Ċeċilja' tal-Parroċċa tas-Siġġiewi, taħt id-direzzjoni tal-Mro Hermann Farrugia Frantz.

Wara sar riċeviment tal-okkażjoni għal kulħadd fuq iz-Zuntier tal-Knisja.

Il-Ħadd 31 ta' Lulju, waqt il-quddiesa tal-10.30am saret Quddiesa Konċelebrata, immexxija minn Mons. Isqof Emeritu Silvestru C. Magro OFM, Vigarju Appostoliku ta' Bengażi, il-Libja. Waqt il-quddiesa it-tfal u l-ġenituri bit-Trabi ttellgħu fuq l-Artal u saret il-preżentazzjoni tagħhom lil Madonna tal-Anġli. Kienet okkażżjoni ukoll fejn il-Miżżewġin ġeddew il-Wegħdiet tal-Ħajja Miżżewġa.







Settembru
## Appuntamenti

**10** ta' Settembru, Jum is-Sejħa Franġiskana: Baħar iċ-Ċagħaq

**11** ta' Settembru, Id-Definitorju Ġenerali f'Malta.

**11** ta' Settembru, Laqgħa tal-Konferenza Ingliża fuq il-Missjonijiet u l-Evanġelizzjoni

**14** ta' Settembru, PROFESSJONI SOLENNI ta' Fr. Clive Camilleri, fil-Knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem B'Kara fis-6.30pm.

**17** ta' Settembru, Festa tal-Għoti tal-Istimmati Mqaddsa ta' Missierna San Franġisk - Ħamrun

**17** ta' Settembru, Jum is-Sejħa Franġiskana: Rabat

### Birthdays - Settembru

13. P. Stephen Magro

### Festi - Settembru

08. P. Adrian J. Cachia
08. P. Victor Camilleri
29. P. Gabriel Micallef

## ...serħu l-ħarsa tagħkom fuq il-kurċifiss u araw l-umanità tal-bniedem!

minn paġna 1

enza għal-Alla u allura jekk aħna l-friegħi ma nibqgħux magħqudin mad-dielja, ninxfu u inkunu tajbin għan-nar! Min mhux magħqud maz-zokk, ma' Alla jinxef u jaħarquh sħabu l-bnedmin. Mhux Alla li jitfana fin-nar... imma l-bniedem jasal biex jaħraq lil min ma jagħmilx frott. Huwa spjega li s-sorijiet kontemplattivi m'għandhomx jinsew l-umanità tagħhom jew iħallu klawsura taqtagħhom mid-dinja. Imma bil-kontra, il-ħajja ma' Ġesù tgħinhom jilbsu iktar l-umanità u jgħinu lil bniedem ifejjaq il-ġerħat tal-umanità tiegħu. Importanti li jserrħu l-ħarsa tagħhom fuq il-Kurċifiss u jaraw l-umanità kollha ġerħat tal-bniedem u bit-talba tagħhom bħala Klarissi jdaħħlu subagħjom mhux biss fil-ferità ta' Kristu imma tal-bniedem; għandhom ikunu esperti fl-ispirtwalità tal-akkoljenza. Il-qalb mhux il-klawsura tkun miftuħa għal bniedem li għandu l-umanita miġruħa jiġi għandhom u jinterċedu quddiem il-ħallieq biex l-umanità tiġi restawrata. Mons. Isqof uża kliem il-Papa biex ikunu l-'mudullun' tad-djoċesi u bit-talb tagħhom ikomplu jgħinu biex jitfejqu l-ġerħat tal-poplu u jgħinu fl-isfidi li għandna.





Wara l-quddiesa Mons. Isqof bierek il-ħobż li ġie mqassam lill-ġemgħa.

Nhar il-11 ta' Awwissu festa liturġika ta' Santa Klara, ġiet iċċelebrata l-Festa ta' Santa Klara ġewwa l-Monasteru ta' San Ġiljan. Iċ-ċelebrażżjoni kienet immexxija mill-Ministru Provinċjal, P. Richard S. Grech, OFM.

Fil-messaġġ tiegħu huwa tkellem fuq il-ferħ li biħ nilqagħu din l-istedina ta' kull sena, għaliex huwa mezz kif aħna bħala patrijiet, sorijiet, benefatturi u ħbieb nistgħu niltaqgħu biex inroddu ħajr lil Alla tad-don tal-ħajja monastika ta' dawn is-sorijiet, li ma jieqfux jitolbu kemm għalina kif ukoll għal kull bżonn li persuni individwali li jersqu għall-għajnuna, kif ukoll b'mod ġenerali għas-soċjetà Maltija.

Fl-omelija tiegħu huwa ħa spunt minn novissmi u mil-Iskrittura, li min jemmen f'Alla ma jintilifx imma jkollu l-ħajja ta' dejjem. Allura l-bżonn li nisimgħu din il-bxara tajba tal-imħabba t'Alla għalina. B'referenza għall-Klarissi huwa qal li huma għażlu l-aħjar triq għax ma ħallew xejn itaqqalhom u intelqu f'idejn Ġesù, u allura aħna għandna nieħdu ftit minn dan l-ispirtu awtentiku Franġiskan li dħalna mod u għandna noħorġu iktar kuntenti u iktar ħfief.

Lejn tmiem iċ-ċelebrazzjoni l-Madre Badessa tat il-messaġġ tagħha u enfasizzat l-importantza li fil-ħajja tagħna ma nabbandunawx lil Alla, imma li minkejja li qed ngħixu f'dinja li qed twarrab lil Alla aħna m'għandniex nabbandunawh fil-ħajja tagħna.

## Laqgħa ta' dawk li jieħdu ħsieb il-Komunikazjoni tal-Konferenza Ingliża




Bejn il-1 u l-4 ta' Awwissu P. Joseph Magro, OFM attenda għal-laqgħa annwali għal dawk li jieħdu ħsieb il-Komunikazzjoni fil-Provinċji tal-Konferenza tal-Lingwa Ingliża. Din is-sena il-laqgħa saret fl-Irlanda waqt erbat ijiem ta' diskussjoni u riflessjoni fuq dak li qed ngħixu u għall-futur fil-provinċji tagħna.

L-aġġornamenti ta' kull provinċja urew mill-ewwel li kulħadd huwa virtwalment fi stat ta' transizzjoni minħabba li t-teknoloġija qiegħda tinbidel b'pass mgħaġġel u għalhekk qed ikun hemm bżonn kontinwu ta' kif wieħed iwassal l-informazzjoni anke jekk ħafna patrijiet fil-provinċji għadhom ma jużawx ċertu mezzi bażiċi. Il-Provinċji Amerikani dejjem qed jaħdmu biex kollox ikun taħt kappa waħda minħabba li fil-futur hemm iċ-ċans li jingħaqdu. Minn naħa l-oħra fil-provinċji l-oħra, fosthom Malta, qed issir xogħol biex l-informazzjoni tasal minn għand il-patrijiet u kunventi u tkun dejjem aġġornata speċjalment b'*newsletters* u *websites*.

Laqgħa interessanti kienet dak ta' ġurnalist u espert tal-media Dr. Andrew O'Connell, li tkellem fuq l-ansjetajiet li ħafna drabi niltaqgħu magħhom u fl-istess ħin ta xenarju panoramiku tal-media soċjali li dejjem qed tinbidel. Fost ħafna affarijiet ħeġġeġ għall-opportunitajiet disponibbli biex nedukaw, nevanġelizzaw u nagħmlu katekezi iżjed effiċjenti bl-għodda tat-teknoloġija.

Diskussjonijiet fi gruppi u konversazzjoni personali komplew matul il-ġranet. Ħareġ li hemm bżonn *commitment* biex naħdmu iktar flimkien f'network u nagħtu support lil xulxin f'isem il-Provinċji rispettivi tagħna.

## Evalwazzjoni Żjara Franġiskana



Nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu l-missjunari taż-Żjara Franġiskana (patrijiet, sorijiet u lajċi impenjanti) iltaqgħu fiċ-Ċentru ta' San Frangisk, il-Ħamrun biex jevalwaw il-ħidma li wettqu ġewwa il-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, B'Kara.

L-esperjenza ta' din is-sena kienet waħda pożittiva u l-membri semmew diversi mumenti sbieħ li għexu; madanakollu semmew diversi punti li għandhom jitjiebu, fosthom li jinħoloq team li jkun jista' jipprepara u jmexxi din l-attività.

P. Walter, koordinatur taż-Żjajjar ha nota tas-suggerimenti kollha u ser jużahom biex titjieb din l-esperjenza fiż-Żjajjar li jmiss.

## Festa tal-Qalb Imm. ta' Marija



Fit-22 ta Awwissu ġewwa Tripli Mons. Isqof. George Bugeja mexxa quddiesa fl-okkażżjoni tal-Festa tal-Qalb Immakulata ta Marija, Patruna tas-sorijiet ta' Madre Tereza. Waqt il-quddiesa s-sorijiet jagħmlu t-tiġdid tal-wegħdiet reliġjuzi tagħhom.

Ix-xogħol ta' dawn is-sorijiet hu li jaħdmu bħala voluntiera f'żewg Istituti ta' persuni mentalment disabli.

Wara l-quddiesa sar festin żgħir u l-isqof ġie imlibbes girlanda b'sinifikat tal-ordinazzjoni episkopali tiegħu. Bħalissa Mons. George Bugeja jinsab Malta fi triqtu lejn Ruma biex jieħu sehem fis-seminar għal-isqfijiet il-ġodda.

## Honoris Causa



Fit-23 ta' Awwissu, P. Albert Gauci, mill-Għargħur, li ilu l-Ħonduras għal iżjed minn 30 sena, ingħata l-Honoris Causa minn Università fil-Ħonduras għax-xogħol li jwettaq fil-komunità. Dan l-unur ingħata lil Patri Albert propju lejliet il-festa tal-patrun San Bert.

P. Albert, huwa magħruf u maħbub ħafna fil-Ħonduras minħabba x-xogħol li jwettaq għan-nies tal-lokal. Sena ilu kien ġie intervistat mill-BBC għar-rwol tiegħu biex f'Juticalpa jinbena stadium tal-futbol. Kien deskritt bħala l-moħħ wara dan il-proġett. Jakkumpanja lil P. Albert kien hemm Mons. Joe Bonello, OFM, Isqof ta' Juticalpa, Ħonduras.

## *Esperjena Unika - L-Irtir qabel il-Professjoni Solenni*

Fr. Clive Camilleri, OFM għadu kemm temm xahar ta' preparazzjoni għal profressjoni solenni fejn matulu għex żmien sabiħ ferm. Huwa kiteb hekk: "Dan ix-xahar kien imqassam f'postijiet differenti, kemm Malta u kemm barra min Malta. L-ewwel ġimgħa kont fid-dar ta' l-Irtiri *Porziuncola* f'Baħar iċ-Ċagħaq, fejn kont immexxi minn Fr. Arthur Vella SJ, fejn matula irriflettajna ftit dwar affarijiet li jikkonċernaw il-ħajja reliġjuża speċjalment fuq il-voti li jien se nipprofessa fi ftit jiem oħra.

Wara din il-ġimagħa imbgħad żort l-Art Imqaddsa f'pellegrinaġġ ma grupp ta' pellegrini, fejn rajna il-postijiet tal-fidwa, liema pellegrinaġġ kien immexxi min P. Twanny Chircop. Wara dan il-pellegrinaġġ, għixt ġimgħa eremitaġġ fil-ġnien tal-Ġetsemani. F'dan il-post qaddis hemm żona apposta fejn wieħed jista' jagħmel żmien profond ta' talb personali u ġabra. Kont ta' kuljum nipparteċipa għall-quddiesa li ssir fil-Bażilika tal-Agunija flimkien mal-fraternità, kif ukoll għall adorazzjoni fil-Kappella ta' l-eremitaġġ flimkien mal-komunità u eremiti oħra. Hawn kelli il-ħin kollhu għad-dispożizzjoni tiegħi fejn fih stajt inqassam il-ġurnata tiegħi bejn talb, skiet u xi ftit xogħol. Kelli ukoll laqgħat ma P. Diego, li hu inkarigat minn dan l-eremitaġġ, fejn tkellimna fuq il-liturġija tal-Professjoni Solenni u s-sens teoloġiku tagħha.



L-aħħar ġimgħa kienet tikkonsisti f'irtir fid-dar ta' l-irtiri *Dar Stellla Maris* fiż-Żebbuġ Għawdex. Magħtul din il-ġimgħa kont gwidat minn P. Norbert Bonavia fejn irriflettajna ftit fuq il-ħajja ta' kuljum fil-komunitajiet tagħna u ċerti aspetti li jiffurmaw is-sejħa reliġjuża tagħna fosthom it-talb komunitarju u personali kif ukoll l-attenzjoni li wieħed għandhu jagħti biex jgħix ħajja ta' persuna reliġjuża fiż-żminijiet tal-llum.

Dan ix-xahar serva bħala żmien ta' ġabra u preparazzjoni profonda għalija, fejn komplejt insaħħaħ is-sejħa tal-vokazzjoni tiegħi u l-Iva li l-Mulej qed jitlobni biex nagħmel ta' kulljum. Inħares il-quddiem għal ġurnata ta' l-14 ta' Settembru fejn se ngħid l-Iva tiegħi għal dejjem permezz tal-Professjoni Solenni ġewwa il-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem ġewwa Birkirkara."

**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*